MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tad-19 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 281/2012

Kawza fil-lista: 22

**A B f'isimha proprju u bhala kuratrici**

***ad litem* tal-minuri C D b'digriet tal-21 ta' Frar 2012**

**vs**

**E D u**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**.

Rat ir-rikors guramentat prezentat mill-attrici A B proprio et nomine li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi minn relazzjoni extra-maritali illi r-rikorrenti A B kellha ma' terza persuna twieldet tifla bl-isem ta' C maghrufa bil-kunjom D, nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Awissu tas-sena elfejn u disgha (2009) u dana kif jirrizulta mic-Certifikat tat-Twelid;

2. Illi billi l-istess tifla minuri twieldet entro t-terminu stabbilit mill-Artikolu 68 tal-Kodici Civili, giet registrata mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, fl-Atti tat-Twelid taghha, li jgib in-numru 2919/2009, bhala il-wild tal-intimat E D;

3. Illi b'danakollu meta l-minuri C maghrufa bil-kunjom D giet ikkoncepita, r-rikorrenti A B u l-intimat E D kienu mifruda de facto u kienu qed jghixu f'zewg residenzi separati u inoltre kienu ghaddejjin minn proceduri ta' annullament ta' zwieg;

4. Illi matul dan iz-zmien ma kien hemm l-ebda rikonciljazzjoni u wisq anqas rapporti intimi bejn r-rikorrenti A B u l-intimat E D;

5. Illi z-zwieg bejn r-rikorrenti A B u l-intimat E D gie dikjarat null u bla ebda effett skond il-ligi permezz ta' sentenza datata sebgha (7) ta' Dicembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) (Rikors Guramentat numru 157/2009 NC);

6. Illi ghalhekk l-intimat E D ma jistax ikun missier il-minuri C maghrufa bil-kunjom D;

7. Illi dan ir-rizultat jista' jfisser biss illi l-att tat-twelid tal-minuri C maghrufa bil-kunjom D m'huwiex veritier u huwa ghal kollox skorrett;

8. Illi r-rikorrenti tixtieq li c-certifikat ta' bintha jkun jirrispekkja il-verita tac-cirkostanzi u konsegwentement hija tixtieq li jigi iddikjarat li effettivament E D ma hux il-missier naturali ta' C D;

9. Illi huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li c-certifikat tat-twelid taghha jkun jirrispekkja r-realta';

10. Illi C D hija l-wild ta' A B u terza persuna ohra pero l-istess A B ma tistax tindika min huwa l-missier naturali ghar-raguni li fil-perjodu ta' koncepiment l-istess A B kienet ghaddejja minn perijodu hazin kif ser jigi elaborat aktar waqt is-smiegh tal-kawza;

11. Illi ghal kull buon fini, ir-rikorrenti tiddikjara li hija lesta li tissottometti ruhha kif ukoll lill-minuri C maghrufa bil-kunjom D ghal dawk it-testijiet genetici necessarji li permezz taghhom tista' tigi eskluza l-possibilita' li l-intimat E D huwa l-missier naturali tal-minuri;

12. Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza tar-rikorrenti;

13. Illi r-rikorrenti giet debitament awtorizzata tipprezenta din il-procedura a bazi ta' digriet datat l-ewwel (1) ta' Ottubru 2012 liema digriet gie moghti fl-atti tar-rikors generali numru 507/2012 NC;

14. Illi ghalhekk qed isiru l-prezenti proceduri sabiex:-

(a) fl-ewwel lok, jigi stabbilit u ddikjarat illi l-minuri C maghrufa bil-kunjom D ma hix il-wild natural tal-intimat E D u li l-istess intimat E D ma hux l-missier naturali tal-minuri C maghrufa bil-kunjom D kif indikat fl-Atti tat-Twelid relattiv bin-numru 2919/2009;

(b) konsegwentement jigi korrett l-Att tat-Twelid bin-numru 2919/2009 sabiex jirrifletti din il-verita' dwar il-paternita' tal-minuri.

Ghaldaqstant r-rikorrenti, in vista ta' dak kollu fuq premess, u previa kull dikjarazzjoni rikjesta skond il-Ligi jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-minuri C maghrufa bil-kunjom D ma hix il-wild natural tal-intimat E D u li l-istess intimat E D ma hux l-missier naturali tal-minuri C maghrufa bil-kunjom D;

2. Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-emendi necessarji fl-Att tat-Twelid tal-minuri C prezentament maghrufa bil-kunjorn D (Numru 2919/2009) fosthom:

(a) jbiddel l-kunjom "D" fil-kolonna "Isem Jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" bil-kunjomn "B" sabiex jirrispekkja l-kunjom tal-omm;

(b) jhassar l-isem "E D" fil-kolonna "Isem u Kunjom" b'referenza ghall-Missier it-Tarbija, u minflok inizzel "missier mhux maghruf", jhassar n-numru tal-Karta ta' 1-Identita' "0443979 M", relattiv ghall-missier tal-minuri, fil-kolonna "Id-Dokument ta' l-Identita" , jhassar in-numru "29" fil-kolonna "Eta" u dan dejjem b'referenza ghall-missier tal-minuri, jhassar l-post "Zabbar Malta" fil-kolonna "Fejn Joqghodu", in kwantu jirrigwarda l-intestata "Missier it-tarbija", jhassar l-isem "Joseph D (Alive)" fil-kolonna "Isem u Kunjom il-Missier u jekk hux haj Jew mejjet", b'referenza ghall-intestata "Missier it-Tarbija", ihassar il-kliem "the said" mill-annotazzjoni maghmula fl-istess Att dwar l-istat civili ta' l-omm, l-konvenuta A B;

3. Tordna kull modifika ohra li tkun mehtiega f'kull att iehor relattiv u sussegwenti."

Rat in-nota tal-konvenut[1] li permezz taghha iddikjara li jaqbel mat-talbiet attrici u li ma kienx behsiebu jipprezenta risposta guramentata a skans ta' spejjez.

Rat l-atti u semghat ix-xhieda mressqa.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet ipprezentati mill-attrici u mill-konvenut Direttur.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

**Provi**.

Affidavit tal-attrici:-

*"Nibda billi nghid illi fit-13 ta' Jannar 1998 jien kont izzewwigt lil E D meta kelli sbatax (17) -il sena. Nghid illi dan iz-zwieg sar fuq pressjoni tal-familja tieghi u ta' E u qatt ma kien mibni fuq relazzjoni ta' mhabba u rispett lejn xulxin u fil-att iz-zwieg tieghi ma E D gie ddikjarat null b'sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datat sebgha (7) ta' Dicembru 2010 (Dok. N 1 ).*

---

[1] Fol. 30

*Nghid illi qabel ma hrigt tqila bi C kont ghaddejja minn zmien difficli hafna u nghid illi darba kont hrigt, kelli x'naqsam ma ragel sesswalment u hrigt tqila bi C.*

*Fl-elfejn u disgha (2009) twieldet it-tifla tieghi C, u peress li dak iz-zmien jien kont ghadni mizzewga ma' E D fic-certifikat tat-twelid tat-tifla tieghi, C, giet mnizzla bhala it-tifla ta' E D. Izda E D ma jistax ikun missier C minhabba li jien kont ilni ma nghix mieghu sa mis-sena elfejn u erbgha (2004) u minn dak inhar qatt ma kelli kuntatt u l-anqas relazzjoni intima ma E D."*[2]

Xhedu wkoll il-konvenut E D u l-partner tieghu Rebecca Aquilina. Il-konvenut D spjega illi f'Dicembru 2010 il-Qorti kienet annullat iz-zwieg tieghu mal-attrici. Jghid li tul dawn l-ahhar hdax-il sena huwa kien jabita ma' certu Rebecca Aquilina u minnha ghandu tifla li llum ghandha erba' snin u nofs. Spjega li huwa skopra li kien hemm tifla imwielda mill-attrici li fuq l-att tat-twelid kien tnizzel ismu meta mar sabiex jirregistra it-tifla tieghu u ta' Rebecca Aquilina li twieldet fl-14 ta' Jannar 2010. Xehed li mal-minuri mertu tal-kawza odjerna qatt ma iltaqa' u m'ghandu l-ebda kuntatt. Qatt ma kkontribwixxa ghall-manteniment taghha. Ikkonkluda t-testimonjanza tieghu billi qal li hija x-xewqa tieghu li gialadarba ma hux missier il-minuri C, ismu jitnehha minn fuq l-att tat-twelid tal-minuri de quo.

Rebecca Aquilina kkonfermat ix-xhieda ta' E D. Xhedet kif skoprew bit-twelid ta' C meta marru r-Registru Pubbliku sabiex jirregistraw it-tifla taghhom.

L-attrici resqet bhala prova rapport tad-DNA maghmul minn Dr Marisa Cassar minn fejn jirrizulta li E D ma hux il-missier naturali tal-minuri C.[3] Ir-rapport xejntifiku pprezentat huwa akkumpanjat minn affidavit redatt minn Dr Marisa Cassar.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**.

In tema legali jinghad illi l-azzjoni attrici hija msejsa fuq l-**Artikolu 99 tal-Kapitolu 12** tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi:-

[2] Fol. 24
[3] Fol. 75

"*L-att li bih jiġi magħruf tifel imnissel u mwieled barra miż- żwieġ jista' jiġi attakkat mit-tifel kif ukoll minn kull min ikollu interess.*"

Artikolu iehor li l-azzjoni attrici hija msejsa fuqu huwa l-**Artikolu 77 tal-Kap.12**:-

"*Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, il-filjazzjoni ta' tifel imwieled matul iż-żwieġ tista' tiġi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess:*

*(a) jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-raġel kien fl-impossibilità fiżika li jgħammar ma' martu minħabba f'li kien bogħod minnha jew minħabba f'xi aċċident ieħor; jew*

*(b) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-mara kienet wettqet adulterju u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikun testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lir-raġel bħala l-missier naturali tat-tifel.*"

L-**Artikolu 81 tal-Kap. 12** li ghalih jaghmel referenza l-Artikolu 77 appena citat jipprovdi illi:-

"*(1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*

*(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu.*"

Mill-provi mressqa jirrizulta minghajr ebda ombra ta' dubju illi l-istat li tipposjedi l-minuri C hu li hi ma hiex bint il-konvenut E D. Huwa ammess mill-istess attrici illi l-minuri hija l-frott ta' relazzjoni intima li hija kellha ma' persuna ohra. Ic-certezza li l-konvenut D ma hux missier il-minuri hija milhuqa permezz tar-rapport tad-DNA fuq imsemmi.

Jirrizulta ghalhekk illi id-disposizzjonijiet tal-artikoli fuq citati huma sodisfatti u t-talbiet attrici jimmeritaw li jigu akkolti.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed taqta u tiddeciedi t-talbiet attrici u tiddisponi mir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur billi tilqa' t-talbiet attrici,

1. Tiddikjara illi l-minuri C mwielda fis-27 ta' Awissu 2009 ma hiex il-wild naturali tal-konvenut E D.

2. Tordna li jsiru l-emendi necessarji fl-att tat-twelid tal-imsemmija minuri billi jigu kancellati isem u l-konnotati kollha tal-konvenut Axiaq; tigi kancellata l-kelma 'the said'; jinbidel il-kunjom li l-minuri ghandha tkun maghrufa bih minn 'D' ghal 'B' u jitnizzlu l-kliem "missier mhux maghruf".

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------